KLR 70/VII/2018

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Erbgħa 26 ta' Diċembru 2018 fis-13.00.

PREŻENTI: Is-Sindku Dott. Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri, il-membri Joseph Debrincat, Michel Buttiġieġ u Marcel Tabone u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻATI: Il-membri Maria Portelli u Anthony Briffa.

Il-Kunsill aċċetta l-ittri ta' apoloġija tal-membri skużati.

**70.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Wara t-talba ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar żewġ laqgħat.

**70.2 Mozzjonijiet f'isem il-membri**

Mozzjonijiet numri 23, 24 u 25 tressqu mill-kunsillier Buttiġieġ.

**Mozzjoni Numru 23**

**Wara talba minn residenti f'taċ-Ċawla nixtieq niproponi sabiex isiru *keep fit classes* fiċ-Ċentru Rgħaj it-Tajjeb. Ir-residenti diġa' tkellmu ma Fr Eddie Żammit f'dan ir-rigward sabix ikunu jistgħu jużaw is-sala u dan ma sabx oġġezzjoni.**

Din il-mozzjoni ssekondha il-kunsillier Debrincat.

Il-membri qablu li jinġab il-prezz li bih ser titħallas l-*instructor* sabiex ikun jista' jsir dan il-kors kif mitlub.

**Mozzjoni Numru 24**

**Wara talba minn residenti f'taċ-Ċawla u wkoll jekk kemm il-darba l-proġett propost fil-piċċ tal-bioċċi mhux ser isir, nipproponi li jsir *outdoor gym equipment* f'dan is-sit. Jekk isir dan l-*equipment,* hemm inqas ċans li jiġi vandalizzat peress li Dr Anton Tabone hi triq traffikuza u fl-istess ħin il-post ma jibqax mitluq kif inhu fil-preżent.**

Din il-mozzjoni ssekondha il-kunsillier Debrincat.

Is-Sindku qal li fir-rigward tal-porġett li hu propost għall-piċċ tal-boċċi, riċentament kien hemm żblokk u għaddejin negozjati mid-Dipartiment tal-Artijiet u l-'Pigeon Racing Socitey'. Is-Sinkdu ssuġġerixxa li din il-miozzjni tiġi riservta biex titressaq aktar il-quddiem. Il-membri qablu.

**Mozzjoni numru 25**

**Qed nitlob lill-Kunsill biex nerġgħu nikkunsidraw biex it-triq minn ħdejn San Ġakbu fit-Tokk, sa Pjazza Savina, terġa' tinqala u ssir bit-tarmac. Dan wara li t-tirq reġgħet niżlet kollha w inutli ser noqgħodu nipeċċjaw biċċa biċċa għax dejjem nieżla. Anke' fejn qed jiġi ppeċċjat qed jerġa' jinżel u l-anqas ħaqq il-fondi li qed jintefqu għalxejn. Għalhekk qed nitlob biex issir talba għal xi tip t'għajnuna anke' minn fondi Ewropej, jekk hu possibli, biex din it-triq terġa' tinqala' u tkun triq tajba kif suppost u kif tixtraq lil Beltna.**

Is-Sinkdu qal li billi din saret mal-proġett tal-ERDF b'fondi Ewropej, li jista' jsir hu biss li nirranġaw il-ħsara. It-triq ma tistax tintmess sa ħames snin wara li jkun inħareġ l-aħħar pagament, li fil-każ tagħna jiġi Diċembru 2021. Is-Sindku tenna li hu jifhem il-fatt li tressqet din il-mozzjoni u kien għalhekk li l-kunsill ħareġ offerta li tkun tkopri t-tiswijiet ta' fejn hemm art bil-kubetti.

**70.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku għarraf lill-membri li:-

70.3.1 nħarġet is-sejħa għal offerti għall-ġbir ta' iskart domestiku.

70.3.2 l-Minsteru għal Għawdex ser tkopri l-fondi għall-kisi bit-tarmak ta' Triq Ġorġ Pisani. Is-Segretarju Eżekuttiv għarfet lill-membri li ffirmat il-kuntratt u l-Minsiteru għal Għawdex għadda €98,912.97 lill-Kunsill għal dan il-proġett. Dan wara li ġiet sottomessa l-istima tal-Perit. L-Enemalta u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ġew ikkuntajtait li ser isir ix-xogħol f'din it-triq u malli l-Kunsill jirċievi r-risposta tagħhom tinħareġ l-offerta;

70.3.3 fil-11 ta' Diċembru 2019 ħarġet id-deċiżjoni fir-rigward tal-appell li għamlu diversi bejjiegħa tal-monti mal-Bord ta' l-Appelli Dwar il-Liċenzjar. Is-Sindku qal li l-maġġoranza tal-aggravji li ressqu l-appellanti, ma ngħatawx raġun.

**70.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

70.4.1 id-Dipartiment għal Gvern Lokali fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li l-allokazzjoni għas-sena 2019 ser tkun €589,332, €30,095 iktar mis-sena 2018;

70.4.2 l-Awtorita' tal-Artijiet li bgħatet n-*no objection* għall-applikazzjoni PA08189/05 u d-Dno952/15 li ġew sottomessi ma' l-Awtroita' tal-Ippjanar rigward it-tibdil tal-*area* riservata għall-imwejjed u siġġijiet fi Pjazza San Ġorġ;

70.4.3 id-Direttur Eko-Għawdex fejn laqgħet it-talba għal estensjoni tal-proġett tar-restawr tan-niċċa ta' Triq Għajn Qatet. Rigward dan ix-xogħol il-membri ġew magħrrfa li kein hemm tlett kuntratturi li tefgħu l-prezz tagħhom. Dawn l-offerti ser jiġu evalwati mill-bord iffurmat mill-Perit Mario Cordina, Daniel Galea u George Refalo;

70.4.4 l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn intbagħtet kopja tal-kummenti li l-Assoċjazzjoni bagħtet lill-Ministru għal Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar, bħala *rispons* għall-*White Paper* li tikkonċerna s-Swieq fil-Beraħ;

70.4.5 il-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq fir-rigward tal-porposta sabiex tisemma triq għal Anton F. Attard. Dan il-kumitat jaqbel ma din il-proposta pero' mhux tal-fehma li Trejqet l-Exchange tinbidel biex tieħu l-isem ta' Anton F. Attard. Il-kumitat ser ikun kawt kif jiddeċiedi fuq din il-materja peress li hemm diversi talbiet pendenti għal bdil ta' ismijiet u fid-dawl tar-rikjesti stipulati fl-Avviż Legali 176 (1995) tat-12 ta' Diċembru 1995;

70.4.6 Joebert Galea skirvan fl-uffiċċju tal-Kunsill. Il-kunsill approva t'trasferiment tal-*vacation leave* li baqalu mis-sean 2018 għas-sean 2019.

<u>Korrispondenza u talbiet ralatati mad-dawl tat-toroq</u>

70.4.7 Il-familja Farrugia, residenta f'77 Triq Sant' Ursola taqbel li ssir bozza ġdida mad-dar tagħha. Il-membri qablu li wara li jiffirmaw il-kunsens, għandha teħel bozza ġdida ma din id-dar.

70.4.8 Il-membru Buttigieg reġa' qajjem il-fatt li l-fanali l-qodma tat-toroq taċ-ċentru tar-Rabat għandhom bżonn jinbidlu. Il-kuntrattur tad-dawl qal li l-bdil frekwenti tal-bozzoz tagħhom qed ikun ikkawżat minħabba l-fatt li dawn il-fanali m'għadhomx tajbin. Il-membri qablu li l-Kunsill jieħu l-parir tal-Enġiniera tad-dawl sabiex tingħata stima ta' kemm jista' jiġi jiswa jekk jinbidlu dawn il-fanali.

70.4.9 Il-membri ġew mgħarrfa li tpoġġiet bozza ġdida ma arblu fi Triq Għajn Qatet fil-parti li saret ġdida bit-tarmak.

70.4.10 Tressaq ilment li fi Triq Palma bejn 'Batu Pharmacy' u l-iskoal St. Francis hemm ħafna dlam. Il-membri qablu li jintalab sabiex jiżdied il-vultaġġ tal-bozzoz li hemm *central hanging*.

70.4.11 Il-membri qablu li ssir bozza ġdida fuq arblu fit-tarf ta' ġew ta' Triq Ġorġ Pisani.

70.4.12 Il-membri qablu li ssir bozza ġdida fi Triq Francesco Masini.

70.4.13 Rigward il-bozza li nqalet temporanjament sakemm jittella l-bini ta' 23, Triq San Duminku, l-membri qablu li għandha ssir bozza fuq arblu temporanju sakemm jinbena l-post minħabba n-nuqqas ta' dawl li hemm.

70.4.14 Il-membri qablu li l-fanal li ġie spostjat fl-isqaq ta' Triq l-Arċipriet Saver Cassar, għandu jerġa jeħel fejn kien qabel.

<u>Mistoqsijiet oħra</u>

70.4.15 Il-membru Buttiġieġ staqsa fir-rigward ta' mozzjoni numru 22 fejn kien talab sabiex Triq Santa Marija tiġi *one way* bil-kontra. Il-maġġoranza tar-residenti ma kienux qablu. Buttiġieġ issuġġerixxa li fil-parit ta' fuq ta' Triq Librerija jsiru *double yellow lines* sabiex residenti li jidħlu bil-vetturi tagħhom ikunu jistgħu idawru f'din il-parti. Billi dawn is-sinjali huma proposti quddiem djar privati l-membri qablu li qabel issir it-talba lill-Transport Malta, il-Kunsill għandu jkollu l-kunsens ta' dawn ir-residenti.

70.4.16 Il-Ministeru għal Għawdex jiġi nfurmat li Triq in-Neolitiċi għandha bżonn wiċċ ġdid minħabba li din it-tiq għada bit-torba. Din it-triq qatt ma ngħatalha tarmak.

## 70.5 Attivitajiet tal-Milied

Is-Sindku qal li l-attivita' li saret is-Sibt 15 ta' Diċembru 2018, fil-*palying field* kienet suċċess. Rigward l-attivita' tal lejliet l-ewwel tas-sena, tenna li għall-bidu l-logo tal-Kunsill ma ġiex inkorporat fir-rekalmi li kien qed jagħmel il-Minsiteru għal Għawdex. Is-Sindku tkellem ma l-orgnaiżżaturi u dan ġie mdaħħal f'kull materjal ta' promozzjoni li kien baqa' jsir.

## 70.6 Pjazza Santu Wistin

70.6.1 Il-membri ġew mgħarrfa li ġiet sottomessa l-applikazzjoni għal-fondi tal-Urban Improvement Fund (UIF) fl-14 ta' Novembru 2018.

70.6.2 L-Awtorita' tal-Artijiet bgħatet n-*no bjection* għal dan il-proġett.

70.6.3 Wara l-laqgħa li saret mar-residenti tad-djar li għandhom il-faċċati l-istess, il-Kunsill laqa' t-talba ta' dawn ir-residenti sabiex jitlob lill-Enemalta biex, jekk hu possibli l-*wires* li hemm mal-faċċati tagħħhom jinħbew fuq ċinta li hemm ma l-istess faċċati. L-enġinier tal-Enemalta qalet li din il-prattikka ma ssirx.

70.6.4 Il-membri qablu li jsir *3D rendering* ta'dan il-poroġett.

**70.7 Immaniġjar tat-Traffiku**

70.7.1 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li minħabba lmenti li jidħlu fir-rigward ta' talbiet li jkunu saru lill-Transport Malta, qabel ikunu resqu quddiem il-Kunsill, inħass il-bżonn li talbiet mill-membri tal-Kunsill, jerggħu l-ewwel jibdew jitressqu waqt laqgħa tal-Kunsill u xħin jiġu approvati jintbagħtu lill-TM għall-approvazzjoni. Din hi proċedura li għandha terġa tibda tinżamm. Il-membri qablu.

*Transport Malta* (TM) ħarġet permess għall-:-

70.7.2 *keep clear except for Ambulance,* quddiem 'Casa Amalia', Pjazzetta Patri Akkursju Xerri;

70.7.3 *one metre double yellow lines* maż-żewġ naħħat tal-garaxx ta' 'Manresa Mansions' fi Triq Santa Dminka;

70.7.4 *one metre double yellow lines* maż-żewġ naħħat tal-garaxx ta' 'St Joseph Court, fi Triq Sir Paul Boffa;

70.7.5 *one metre double yellow lines* maż-żewġ naħħat tal-garaxx ta' 'Sant Marija', fi Triq id-Dawwara;

70.7.6 *one metre double yellow lines* maż-żewġ naħħat tal-garaxx ta' 'Fleur d'Or', fi Triq Forn il-Ġir;

70.7.7 sinjal ta' *dead end* fi Triq Librerija kanutniera ma Triq San Ġwann;

70.7.8 sinjal isfar fi Triq Vajrinġa faċċata ta' 'Vajrinġa Supermarket';

70.7.9 *double yellow lines* faċċata tal-garaxxijeit ta' Triq Wied is-Seqer. Is-Sindku talab dettalji peress li t-talba saret għall-garaxx wieħed biss. Minn TM infurmawh li l-vetturi li jiddaħħlu f'dawn il-garaxxijiet kollha jsibu d-diffikulta biex joħorġu l-vettura mill-garaxx jekk ikun hemm vettura oħra ipparkjata n-naħħa l-oħra tat-triq.

<u>Parkeġġi riservati għall-perunsi b'diżabilita'</u>

TM ħarġet il-permess għall-

70.7.10 parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' għal-sena, ta' Pauline Xerri, 18, Binja tal-Gvern, Triq it-Tabib Anton Tabone;

70.7.11 parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' għal-sena, ta' Colin Apap, 138, Triq Sant' Ursola;

70.7.12 parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita', permanenti, ta' John Żammit, Blk E, Bieb A, Flat 4, taċ-Ċawla H.E.

70.7.13 TM bagħtet talba għall-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' quddiem id-dar ta' Emanuel Ellis, 'Redemptor', Triq Ġuże' Ellul Mercer. Il-Kunsill jimla' l-formola rikjesta minn TM;

70.7.14 TM bagħtet talba għall-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' quddiem id-dar ta' Francis Scicluna, 'Casa Scicluna, Triq Wied is-Seqer. Il-Kunsill jimla' l-formola rikjesta minn TM.

Il-Kunsill ser jitlob il-permess ta' TM sabiex:-

70.7.15 Triq Santa Martha ssir *one way* li għalija tidħol minn naħa ta' Triq l-Arċisqof Pietru Pace. Dan wara li tħejjiet pjanta ta' Perit;

70.7.16 isiru *double yellow lines* fi Triq Patri Manuel Magri kantuniera ma Triq il-Madonna tal-Ġilju.

**70.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti**

Ġew approvati l-pagamenti għax-xahar ta' Diċembru 2018 skont dokument A anness.

**70.9 *Performance Bonus***

Ġie approvat il-*perfomrance bonus* tal-iskrivana Georgene Farrugia. Waqt li kienet qed tiġi diskussa din l-item, il-membru Tabone ħareġ mill-kamra minħabba kunflitt ta' nteress.

**70.10 Xogħolijiet oħra**

<u>Bankini</u>

70.10.1 Il-membri qablu li titneħħa l-ħadida li hemm mal-bankina ta' John Cordina fi Triq Palma.

70.10.2 Sahron Refalo fejn talbet li l-madum li ser jintuża għall-bankina tagħha, jekk ma jsirx bħal dik ta' maġenb id-dar tagħha għandu jsir griż. Il-membri qablu li jsir *bricks* griż quddiem 'Aura', Triq Patri Ġiacintu Camnzuli.

70.10.3 David Azzopardi fejn ressaq diversi lmenti rigward bankina li tinsab madwar Blokk...........f'taċ-Ċawla H.E. Il-membri qablu li l-Kunsill jistaqsi lill-Minsiteru għal Għawdex jekk din il-bankina tistax titranġa mal-proġett li hu propost għall-*housing estate*.

Il-membri qablu li:-

70.10.4 l-istima (VLC10/2008) li tkopri x-xiri u l-installazzjoni ta' gazebo fil-*palying field* tingħata lill-'JGC Playon' għall-prezz ta' €4,800. Dan wara l-parir tal-bord ta' evalwazzjoni;

70.10.5 l-istima (VLC9/2018) li tkopri x-xiri u l-installazzjoni ta' *perimeter safety fence* għall-*playing field* tingħata lil 'JGC Playon' għall-prezz ta' €6,840. Dan wara l-parir tal-bord ta' evalwazzjoni;

70.10.6 l-offerta (VLC 11/2018) għall-manteniment ta' bankini u toroq miksija b'kubetti tingħata lill-Savio Bugeja. Dan wara l-parir tal-bord ta' evalwazzjoni;

70.10.7 jiġi ffirmat il-kuntratt mal-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u mal-'Community Work Scheme Enterprise Foundation', fir-rigward tal-ħaddiema tal-'Community Work Scheme';

70.10.8 titranġa part mit-Telgħa ta' Majru minħabba li niżlet u l-ħajt tas-sejjieħ li jmiss magħha ser iċedi.

70.10.9 l-wiċċ ta' Sqaq Numru 1 fi Triq G.P. Agius De Soldanis jinkesa bil-granit li nqala' minn Pjazza San Ġorġ;

70.10.10 tinqala ringiela madum li tmiss mal-bini tal-annex tal-knisja ta' San Ġorġ minn naħħa ta' Triq San Ġorġ. Dan sakemm isir il-*membrane* minn naħħa tal-knisja peress li qed jidħol l-ilma fil-kantina;

70.10.11 jsir fanal ġdid man-niċċa ta' Santa Marija fi Triq Santa Marija;

70.10.12 l-Kunsill jipparteċipa fil-kunċert tal-Milied imtella mill-Chorus Urbanus.

**70.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa spiċċat fit-15.00 u laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn 7 ta' Jannar 2019 fis-19.30.

Av. Samuel Azzopardi
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv